MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1039/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Charles Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 1039/2010**

## Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra Charles Attard ta’ 44 sena, bin Peter u Philippa nee’ Fenech, imwieled Mtarfa fid-29 ta’ Dicembru 1966, residenti 24 ‘God Bless, Tria Censu Busuttil, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 14467M

Akkuzat talli fis-06 u s-07 t’ Ottubru 2010 f’hinijiet differenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu anki jekk

fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnu b'rizoluzzjoni wahda,

1. Hedded lil Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. bl-iskop li jtellef jew inaqqas il-gieh tieghu, minhabba li ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu liema theddid kien ta' delitt u dan bi ksur ta' Artikolu 93(1)(2)(3) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. ai termini ta' l-Artikolu 383, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif mahsub f'Artikolu 93(3) ta' l-istess Kodici Kriminali.

Rat l-artikoli 93(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-istat ta' l-imputat u l-bzonn tieghu ta' ghajnuna medika.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 93(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-Magistrat Dr Antonio Mizzi u ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elf Euro (€1,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------